



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B8-0245/2018**

28.5.2018

# **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa wara l-2020  
(2018/2718(RSP))

**Roberts Zile, Zdzisław Krasnodębski**  
f'isem il-Grupp ECR

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa wara l-2020 (2018/2718(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikoli 311, 312 u 323 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020<sup>1</sup> u l-emenda sussegwenti tiegħu bis-saħħa tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2017/1123 tal-20 ta' Ġunju 2017<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba<sup>3</sup> u l-proposta tal-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 2016 għal emenda ta' dan il-Ftehim Interistituzzjonali (COM(2016)0606),
  - wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 2016 għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (COM(2016)0604)) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjaha (SWD(2016)0299),
  - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Mejju 2018 intitolata "Baġit modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi – Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027" (COM(2018)0321),
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Mejju 2018 magħmula minn Jean-Claude Juncker dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni adottata dwar il-pakkett tal-QFP ta' wara l-2020,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi s-settur tat-trasport għadu qasam ta' investment ewlieni li jikkontribwixxi għat-tkabbir, il-kompetittività u l-iżvilupp billi jagħti spinta lill-potenzjal ekonomiku ta' kull Stat Membru u ta' kull reġjun tal-UE u, għaldaqstant, iżid il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, jappoġġja s-suq intern u b'hekk jegħleb l-iżbilanċi bejn ir-reġjuni;
- B. billi l-infrastruttura tal-enerġija attwali tal-UE qed tiqdiem u għalhekk jaf ma tkunx kapaċi tissodisfa d-domanda futura għall-enerġija jew tiżgura s-sigurtà tal-provvista;
- C. billi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) inħolqot bħala programm ta' finanzjament konġunt u ġestit ċentralment għall-infrastruttura tat-trasport, tal-enerġija u tat-

---

<sup>1</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

<sup>2</sup> ĠU L 163, 24.6.2017, p. 1.

<sup>3</sup> ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

telekomunikazzjonijiet, bħala parti mill-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, u qed tagħti riżultati tanġibbli fuq il-post;

- D. billi l-FNE tippovdi sehem sostanzjali mill-finanzjament tal-UE għal proġetti tat-trasport u l-enerġija b'kontribut qawwi għall-għan ta' ekonomija Ewropea b'livell baxx ta' emissjonijiet;
- E. billi t-tipi ta' proġetti kofinanzjati mill-FNE jikkorrespondu mal-ambizzjoni tal-UE li żżid il-konnettività fuq skala Ewropea għal tliet setturi ewlenin u tikkonċentra s-sostenn fuq beni pubbliċi b'dimensjoni Ewropea; billi l-FNE tikkontribwixxi għall-prijoritajiet tal-Kummissjoni f'dak li jikkonċerna l-impjiegi, it-tkabbir u l-investment, is-suq intern, l-Unjoni tal-Enerġija, il-klima u s-suq uniku diġitali, u b'hekk issaħħaħ il-kompetittività globali tal-UE;
- F. billi, sa tmiem l-2017, il-qasam tal-FNE relatat mat-trasport kien diġà alloka EUR 21,3 biljun f'għotjiet għal proġetti tat-TEN-T u, b'hekk, iġġenera EUR 41,6 biljun ta' investimenti totali; billi, tul l-2018, se jiġu ffirmati ftehimiet ta' għotja addizzjonali għal sejħa għal finanzjament imħallat li tikkombina għotjiet mill-FNE ma' finanzjamenti privati, inkluż mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS); billi, f'Novembru 2017, il-baġit inizjali ta' EUR 1 biljun għal din is-sejħa żdied bl-ammont ta' EUR 350 miljun bħala sostenn għall-prijorità "Innovazzjoni u teknoloġiji ġodda", f'konformità mal-oġġettivi tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Fjuwils Alternattivi;
- G. billi l-Kummissjoni mistennija tippubblika l-proposti leġiżlattivi tagħha dwar l-investment strateġiku Ewropew, inkluża FNE aġġornata, f'Mejju u f'Ġunju 2018;
1. Jenfasizza li l-investment fl-infrastruttura tat-trasport ifisser investment fil-koeżjoni, fil-kompetittività, fl-impjiegi u fit-tkabbir fit-tul, setturi li fihom l-UE jeħtiġilha tiġġenera valur miżjud reali għaċ-ċittadini;
  2. Jissottolinja li l-investment fl-infrastruttura tal-enerġija huwa kruċjali għall-implimentazzjoni tal-Unjoni tal-Enerġija u li, għaldaqstant, il-FNE hija għodda ta' politika bi rwol ewleni biex timla l-lakuni fl-investment fis-settur tal-enerġija u biex tiġġenera tkabbir u impjiegi;
  3. Jemmen li, fis-settur tat-trasport, għandha tingħata priyorità lil proġetti li joħlqu jew itejbu rabtiet transfruntiera, jimlew il-konnessjonijiet neqsin u jneħħu l-ostakli; iqis, għaldaqstant, li f'dan ix-xenarju l-FNE tagħti kontribut konkret għall-ambizzjoni li tinkiseb żona unika Ewropea tat-trasport;
  4. Jenfasizza li l-FNE kienet, hija u trid tibqa' strument effikaċi u mmirat għall-investment fl-infrastruttura trans-Ewropea (TEN) fis-setturi tat-trasport u l-enerġija u fis-settur diġitali u bil-għan li tikkontribwixxi għall-prijoritajiet tal-UE f'dak li jikkonċerna l-impjiegi, it-tkabbir u l-investment, is-suq intern, l-Unjoni tal-Enerġija, il-klima u s-suq uniku diġitali;
  5. Jinsisti, barra minn hekk, li l-FNE għandha tiffoka fuq l-għoti ta' valur miżjud tal-UE lill-iżvilupp tal-konnettività fit-trasport, prinċipalment billi tagħti attenzjoni speċjali lil proġetti fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali li kieku ma jitwettqux mingħajr is-sostenn tal-UE;

6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli talloka l-finanzjament tal-FNE fis-sura ta' għotjiet, peress li maġġoranza kbira tal-finanzjament tal-FNE hija marbuta ma' proġetti li jġġeneraw benefiċċji usa' fil-livell reġjonali u f'dak tal-UE, iżda li għalihom m'hemmx biżżejjed finanzjament nazzjonali jew m'hemm l-ebda finanzjament ibbażat fuq is-suq;
7. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra aktar modi biex tippromwovi l-FNE bħala strument immexxi mill-politika b'objettivi settorjali speċifiċi, li jindirizza proġetti kumplessi b'dimensjoni ta' interoperabbiltà transfruntiera jew fuq skala tal-UE;
8. Jenfasizza l-importanza tal-ġestjoni diretta, li tiffavorixxi l-allokkazzjoni rapida tal-fondi u eżekuzzjoni baġitarja soda ferm, u li l-ġestjoni diretta tal-għotjiet tal-FNE wriet li hija effiċjenti ħafna, b'riżerva b'saħħitha ta' proġetti u proċess ta' għażla kompetittiv, b'enfasi fuq l-objettivi ta' politika tal-UE, b'implimentazzjoni kkoordinata u bl-involvement sħiħ tal-Istati Membri; jissottolinja li l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (INEA) għandha rekord tajjeb ħafna f'dak li jikkonċerna l-ġestjoni finanzjarja tal-FNE, b'mod partikolari bis-saħħa tal-flessibbiltà tagħha biex torjenta malajr mill-ġdid il-flus li ma jkunux intefqu fuq ċerti azzjonijiet ħalli b'hekk tiffinanzja oħrajn ġodda; jinsisti, għaldaqstant, li l-INEA għandha tissaħħaħ sabiex jiġi żgurat li l-fondi tal-UE jintefqu b'mod xieraq;
9. Jissottolinja li t-tlestija ta' ħafna proġetti tal-infrastruttura TEN-T fuq skala kbira li għaddejjin bħalissa teħtieġ investimenti sinifikanti, li parti minnhom tiddependi mis-sostenn kontinwu tal-UE, jew inkella t-tali proġetti jsibu ruħhom f'sogru li jistaġnaw;
10. Jenfasizza l-benefiċċji tal-komplementarjetà tal-FNE, Orizzont 2020, il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) u l-FEIS; jirrimarka li l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni għandhom dimensiġoni reġjonali b'saħħitha li twieġeb għad-domanda lokali u tiffoka s-sostenn finanzjarju fuq ir-reġjuni anqas żviluppati u fuq l-Istati Membri li huma eliġibbli għal sostenn mill-Fond ta' Koeżjoni;
11. Jissottolinja l-importanza li, fil-QFP li jmiss għall-perjodu 2021-2027, ċertu ammont tal-Fond ta' Koeżjoni jibqa' jiġi allokat/delimitat għal proġetti tat-trasport fl-ambitu tal-FNE bir-rati massimi ta' finanzjament applikabbli għall-Fond ta' Koeżjoni; jenfasizza li l-ammont allokat mill-Fond ta' Koeżjoni fil-QFP li jmiss għall-perjodu 2021-2027 irid tal-anqas jibqa' fl-istess livell bħal dak tal-QFP preċedenti għall-perjodu 2014-2020, u li dan l-ammont, fi kwalunkwe każ, irid ikun biżżejjed biex, matul il-QFP li jmiss għall-perjodu 2021-2027, il-proġetti li għaddejjin bħalissa b'finanzjament minn dawn l-allokkazzjonijiet tal-Fond ta' Koeżjoni jitlestew;
12. Jilqa' l-inizjattivi li fl-ambitu tagħhom ġiet eżegwita parti mill-baġit tal-Koeżjoni (EUR 11,3 biljun – trasport) taħt ġestjoni diretta fil-qafas tal-FNE; jinnota li l-investiment fl-infrastruttura tat-trasport tal-UE għandu jibqa' sistema bbilanċjata sew ta' sorsi taħt ġestjoni ċentrali u ġestjoni kondiviża;
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jibqgħu impenjati biex jilħqu l-objettivi ta' politika ewlenin tal-FNE:
  - a) rigward it-trasport – it-tlestija tan-netwerk ewlieni tat-TEN-T sal-2030, inkluża l-implimentazzjoni tas-SESAR u tal-ERTMS, u t-tlestija tan-netwerk

komprensiv tat-TEN-T sal-2050;

- b) rigward l-enerġija – it-tlestija tal-kurituri prijoritarji tat-TEN-T sal-2030, jiġifieri l-grilji jsiru intelliġenti u diġitalizzati, l-ilħuq tal-miri tal-interkonnessjoni tal-2030 (inkluż għall-Istati Membri periferiċi), l-iżvilupp ta' grilji malji lil hinn mill-kosta u l-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista, ukoll permezz ta' sinkronizzazzjoni;
  - c) rigward id-diġitalizzazzjoni – il-massimizzazzjoni tal-benefiċċji tas-suq uniku diġitali għaċ-ċittadini u n-negozji kollha sal-2030, il-ksib ta' soċjetà tal-gigabits b'sigurtà ċibernetika sħiħa sal-2025, it-tħejjija għall-konnettività terabit sal-2030 u l-introduzzjoni ta' infrastruttura tas-servizzi diġitali u tad-data mal-UE kollha;
14. Iqis li hija meħtieġa FNE aġġornata, li tkopri l-modi kollha tat-trasport, inkluża l-infrastruttura tat-toroq u tal-passaġġi tal-ilma interni, li tiffoka fuq l-interkonnessjonijiet u t-tlestija ta' netwerks f'żoni periferiċi u li tkopri l-ħtiġijiet kollha tat-trasport, inklużi soluzzjonijiet diġitali, il-bidla modali u trasport aktar sostenibbli; jemmen li din il-FNE aġġornata għandha wkoll tagħti prijorità lil rabtiet aktar diretti bejn in-netwerk ewlieni u dak komprensiv, inklużi, pereżempju, il-prijoritajiet orizzontali bħall-awtostradi tal-baħar; jemmen li dan għandu jiġi rifless fil-listi ta' proġetti identifikati minn qabel inklużi fir-Regolament dwar il-FNE li jmiss;
15. Itenni li s-sejħa għal finanzjament imħallat li saret fl-2017, li tikkombina għotjiet tal-FNE ma' għodod finanzjarji bbażati fuq is-suq, b'mod partikolari l-istrumenti finanzjarji disponibbli fl-ambitu tal-FEIS, hija maħsuba biex issaħħaħ, fejn hu possibbli, il-komplementarjetà bejn iż-żewġ skemi ta' sostenn, filwaqt li fl-istess ħin timmobilizza sorsi ta' finanzjament oħra, b'mod partikolari l-FEIS, l-investituri privati jew il-banek promozzjonali nazzjonali;
16. Ifakkar li, fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet, l-enfasi doppja tal-FNE fuq servizzi diġitali transfruntiera ta' interess pubbliku u fuq l-infrastruttura tal-komunikazzjoni u tal-kompjuterizzazzjoni uriet li l-programm għandu impatt importanti fuq il-ksib tal-għanijiet tas-suq uniku diġitali tal-UE, permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki komuni biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà, inklużi t-trasformazzjoni diġitali għall-kura tas-saħħa, iċ-ċibersigurtà, il-kopertura 5G tal-kurituri tat-TEN-T u d-diġitalizzazzjoni tal-gvernijiet;
17. Ifakkar li l-proposta tal-Kummissjoni tal-2011 dwar il-QFP introduċiet strument finanzjarju b'baġit totali ta' EUR 50 biljun, maqsum kif ġej: EUR 9,1 biljun għall-proġetti tal-enerġija, EUR 9,2 biljun għall-proġetti tat-telekomunikazzjonijiet/proġetti diġitali u EUR 21,7 biljun għall-proġetti tat-trasport, flimkien ma' EUR 10 biljun addizzjonali allokati/delimitati fil-Fond ta' Koeżjoni għall-proġetti tat-trasport, biex b'hekk it-total għas-settur tat-trasport jilħaq l-ammont ta' EUR 31,7 biljun; jinnota li n-negozjati dwar il-FEIS u l-QFP għall-perjodu 2014-2020 naqqsu dan l-ammont b'mod sinifikanti;
18. Jilqa' l-introduzzjoni ta' sinerġiji transsettorjali fil-FNE; jistenna li l-linji gwida tal-politika settorjali fil-futur u l-istrument tal-FNE jsiru aktar flessibbli sabiex jiffaċilitaw is-sinerġiji u jkunu aktar reattivi għall-prijoritajiet u l-iżviluppi teknoloġiċi l-ġodda, bħalma hija d-diġitalizzazzjoni, filwaqt li jiġi aċċelerat il-ħolqien ta' ekonomija b'livell

baxx ta' emissjonijiet u jiġu indirizzati l-isfidi komuni tas-soċjetà, bħalma hija s-sigurtà ċibernetika;

19. Jistieden lill-Kummissjoni tuża l-qafas tal-FNE għall-ksib tal-oġġettivi deskritti fil-"Pjan ta' Azzjoni dwar il-mobbiltà militari: l-UE tiegħu passi lejn Unjoni tad-Difiża";
20. Iqis li l-livell propost ta' allokkazzjoni għall-FNE (kif indikat fil-komunikazzjoni dwar il-baġit tal-UE għall-futur), u speċjalment il-livell baxx ta' allokkazzjoni għat-trasport, mhuwiex sodisfaċenti, u jinnota li din l-allokkazzjoni hija anqas minn dik fl-ambitu tal-QFP għall-perjodu 2014-2020; jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni tinkludi ammont akbar fil-proposta għar-Regolament dwar il-FNE u tal-anqas iżżomm l-istess livell ta' finanzjament tal-FNE bħal dak fl-ambitu tal-QFP preċedenti, bi qbil mal-ħtiġijiet u l-benefiċċji tal-infrastruttura tat-trasport, tal-enerġija u tat-telekomunikazzjonijiet;
21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.